# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, 19 ta’ Lulju, 2018**

**Rik. Nru. 1032/18JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1032/18 fl-ismijiet:

Odette **TONNA** u żewġha Marco Tonna

vs

**AWTORITA` TAL-ARTIJIET**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta’ Ġunju, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti żżomm lill-Awtorita` intimata milli “tiffirma l-kuntratti (taħt kwalsijasi titolu) mal-operaturi tal-gabbani li kien hemm fil-*bus terminus* tal-Belt ossija l-Pjazza tat-Tritoni li lilhom, a differenza tar-rikorrenti, ingħata dritt ta’ *first refusal*, permezz ta’ liema kuntratti (li r-rikorrenti huma infurmati li se jibdew jiġu ffirmati sa minn dalgodu stess) se jiġu assenjati l-gabbani l-ġodda fil-Pjazza tat-Tritoni u dan b’detriment u dannu għad-drittijiet u l-interessi tar-rikorrenti” u dan b’ħarsien tal-pretensjonijiet li huma għandhom f’kawża ta’ stħarriġ ġudizzjarju li fetħu kontra l-istess

Awtorita` u ħaddieħor[1] dwar il-konċessjoni li kellhom tal-gabbana (li kienet iġġib l-isem "*Triton Kiosk*") qabel inħarġu minnha u liema kawża għadha qiegħda tinstema';

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2018, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat in-notifika lill-Awtorita` intimata, u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-12 ta' Lulju, 2018;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita` intimata fis-6 ta' Lulju, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li l-Mandat ma jistax jinħareġ għaliex il-kuntratti li r-rikorrenti ippruvaw iżommu milli jsiru fil-fatt saru lejliet li l-Awtorita` laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors u għalhekk ma jistax jinħareġ Mandat biex iwaqqaf ħwejjeġ li jkunu diġa` saru. Żiedet tgħid li, f'kull każ, il-jeddijiet li r-rikorrenti jridu jħarsu diġa` jinsabu mħarsa billi ngħatalhom post kummerċjali ieħor minflok il-gabbana li kellhom qabel f'Bieb il-Belt, minkejja li ma kellhom l-ebda titolu tajjeb għall-istess gabbana, u dan sa minn Ottubru tal-2012. Minbarra dan, tgħid li b'kitba magħmula f'Diċembru tal-2016, ir-rikorrenti kienu qablu li jitneħħew mill-gabbana u li ma jiftħux proċeduri fil-Qorti (magħduda mandati kawtelatorji) li bihom iwaqqfu l-proġett tat-tisbiħ tal-Pjazza tat-Tritoni. L-Awtorita` qiegħda tgħid ukoll li r-rikorrenti ma għandhom l-ebda jedd mad-daqqa t'għajn xi jħarsu biex jistgħu jitolbu l-ħruġ tal-Mandat ladarba huma qatt ma kellhom jedd tajjeb għall-gabbana/kjosk u lanqas jeżistu ċ-ċirkostanzi tal-elementi l-oħrajn mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat. Temmet tgħid li kieku l-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat mitlub minnhom, il-preġudizzju mġarrab ikun akbar milli kieku l-Qorti kellha tiċħad it-talba tagħhom;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ minn rappreżentant tal-Awtorita` intimata għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Lulju, 2018, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

[1] Rik. Nru. 487/17 (li jinsab fl-istadju tal-ġbir tal-provi tal-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju)

Illi tqis li r-rikorrenti jridu jżommu lill-Awtorita` intimata milli tersaq għall-kuntratti ta' konċessjoni tal-gabbani l-ġodda ta' stabbilimenti kummerċjali li ntramaw fi Pjazza tat-Tritoni wara li ntemm il-proġett tat-tisbiħ tal-istess imkien u dan sakemm tinqata' kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju li huma fetħu kontra l-istess Awtorita` (u oħrajn);

Tqis li għal xi żmien, sal-bidu tal-2017, ir-rikorrenti kienu jmexxu n-negozju minn gabbana/kjosk bl-isem ta' "*Triton Kiosk*" f'Bieb il-Belt;

Tqis li f'Ottubru tal-2012[2], ir-rikorrenti kienu ngħataw b'kera ħanut li jinsab f'Telgħet Spencer, fil-Marsa, biex jagħmel tajjeb għat-tneħħija tagħhom mill-gabbana/kjosk fil-qafas tal-proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza tat-Tritoni. Iżda baqgħu jmexxu wkoll it-"*Triton Kiosk*" minkejja li ħadu l-imsemmi ħanut. Wellew il-kirja tal-ħanut fl-2015;

Tqis li b'kitba li saret fit-30 ta' Diċembru, 2016[3], ir-rikorrenti ntrabtu li jwaqqfu t-tmexxija tat-"*Triton Kiosk*" sa mhux aktar tard mit-2 ta' Jannar, 2017 u jbattluh minn kulma jinsab fih sa mhux aktar tard mis-7 ta' Jannar, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet l-oħrajn hemm miftehma. Fost l-imsemmija kundizzjonijiet, kien hemm dik li biha r-rikorrenti irrinunzjaw għal kull jedd li seta' kellhom fil-konfront tal-Gvern dwar il-gabbana u li huma ma jniedu l-ebda proċedura kontra l-Gvern (magħduda talbiet għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni) li biha jitwaqqaf il-proġett tat-tisbiħ tal-imkien;

Tqis li r-rikorrenti jgħidu li l-imsemmi ftehim sar b'qerq bi ħsara għalihom għaliex kienu ngħataw x'jifhmu li kull min kellu konċessjoni bħal tagħhom f'Bieb il-Belt kien iffirma kitba bħalha u minħabba li l-ftehim kien fl-ilsien ingliż u r-rikorrenti Odette Tonna (li ffirmat il-kitba) ma tifhimx bl-ingliż;

Tqis li fl-24 ta' April, 2017[4], ir-rikorrenti fetħu kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju biex jitolbu t-tħassir tad-deċiżjoni dwar dak li kien hemm miktub fuq il-kitba tat-30 ta' Diċembru, 2016, u biex jitolbu l-kumpens u l-jedd tal-ewwel għażla u li l-imħarrkin jagħmlu tajjeb għad-danni mġarrbin minnhom minħabba l-imsemmija deċiżjoni;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat[5];

[2] Dok "Ċ", f'paġġ. 46 sa 52 tal-atti
[3] Dok "D", f'paġġ. 53 – 4 tal-atti
[4] Dok "A" f'paġġ. 6 sa 12 tal-atti
[5] Art. 873(1) tal-Kap 12

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[6]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Illi, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[7];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[8]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi Awtorita` pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali

[6] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[7] Art. 875(3) tal-Kap 12
[8] Ara, per eżempju, P.A. NC **11.3.2003** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***

tagħha, il-liġi[9] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, dwar dan l-aħħar element, l-istess rappreżentant tal-Awtorita` intimata iddikjara waqt is-smigħ li, kieku mhux għall-fatt li r-rikorrenti ressqu r-Rikors tallum, kieku l-proċess tal-iffirmar tal-kuntratt kien jitkompla sakemm il-kuntratti kollha maħsuba jkunu iffirmati;

Tqis għalhekk li bl-imsemmija dikjarazzjoni dan l-element għall-ħruġ tal-Mandat jinsab ippruvat kif imiss;

Tqis, iżda, li ntwera li, sakemm l-Awtorita` laqgħet in-notifika tal-atti ta' dan ir-Rikors, kienu laħqu ġew iffirmati xi kuntratti minn dawk li r-rikorrenti jridu jżommu milli jkunu iffirmati;

Tqis li l-Awtorita` tgħid li, minħabba f'hekk, il-Mandat mitlub mir-rikorrenti ma jistax jinħareġ;

Tqis li huwa aċċettat li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax tintlaqa' jekk kemm-il darba l-ħaġa li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf tkun fil-fatt diġa` saret jew ġrat. Dan għaliex l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[10]. F'każ bħal dan, jibqa' bla mittiefes kull jedd għat-teħid ta' kull rimedju ieħor xieraq li jista' jintalab biex jagħmel tajjeb għal xi ħsara li r-rikorrenti jkunu ġarrbu;

Tqis li l-Awtorita` intimata iċċarat li mhux il-kuntratti kollha li kien maħsub li jsiru kienu laħqu ġew magħluqa sakemm laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors. Dan ifisser għalhekk, li filwaqt li l-Qorti taċċetta li ma jistax aktar jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni dwar il-kuntratti li laħqu saru qabel ma tressaq ir-Rikors, Mandat jista' jinħareġ biex iżomm milli jsiru l-kuntratti l-oħrajn li kienu maħsuba li jsiru;

Tqis li l-jedd mad-daqqa t'għajn li r-rikorrenti jsejsu t-talba tagħhom fuqha hu dak li jqisu li l-ftehim li sar f'Diċembru tal-2016 kien jagħtihom il-jedd li jingħataw l-ewwel għażla jew kumpens xieraq għall-iżgumbrament. Huma jgħidu li dawk l-għażliet joħorġu minn qari tal-kliem "*any of the offers being made under this present agrement*" li jinsabu fil-kitba msemmija;

---

[9] Art. 873(3) tal-Kap 12

[10] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta`[11], disaġju jew tħassib. Tagħraf ukoll li jrid ikun jedd li jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b'reqqa ta' provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;

Tqis li, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rikorrenti ma seħħilhomx juru li tassew għandhom il-jedd mad-daqqa t'għajn li jippretendu u li jsejjes it-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub;

Tqis li, fl-ewwel lok, il-kitba tat-30 ta' Diċembru, 2016, tgħid il-kontra ta' kulma jippretendu r-rikorrenti: għall-kuntrarju, tgħid li huma ma kellhom qatt titolu tajjeb kontra l-Gvern biex iżommu l-gabbana. Fit-tieni lok, l-istess kitba kienet rabtet lir-rikorrenti li ma żammew favurihom l-ebda jedd kontra l-Gvern dwar l-imsemmija gabbana/kjosk. Fit-tielet lok, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-ftehim imsemmi kien il-frott ta' qerq magħmul bi ħsara għalihom tmur lil hinn minn fatt li jidher mad-daqqa t'għajn u, sakemm tali ftehim ma jitħassarx b'xi deċiżjoni ta' xi Qorti jew bil-qbil tal-partijiet li daħlu għalih, għandu jitqies li għadu jorbot;

Tqis għalhekk li jonqos element ewlieni biex din il-Qorti tista' tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li, dwar il-ħtieġa li jinħareġ il-Mandat, tali element jintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrent jilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[12], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, f'dan il-każ, lanqas dan l-element ma jirriżulta. Il-Qorti tqis li l-Mandat mhuwiex meħtieġ biex ir-rikorrenti jiksbu r-rimedju li għadhom jistgħu jinqdew bih bil-liġi jekk iridu li titħassar id-deċiżjoni li ttieħdet u li wasslet biex huma aċċetaw li joħorġu mill-gabbana li kienu jokkupaw. Dan joħroġ mit-talbiet li r-rikorrenti ressqu fil-kawża li huma fetħu qabel ressqu din il-proċedura tallum. Minn dawk it-talbiet joħroġ ċar li f'każ li tassew jinstab mill-Qorti li quddiemha qiegħed jisntema' l-każ li l-Awtorita` pubblika mxiet ħażin mar-rikorrenti, ir-rimedju mitlub huwa dak tal-ħlas tal-kumpens u l-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin minnhom;

[11] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[12] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

Tqis li, f'każijiet bħal dawn, talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tintlaqax sewwasew għaliex jonqos l-element tal-ħtieġa preskritt għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak;

Tqis għalhekk li lanqas dan l-element ma ntwera tajjeb biżżejjed u b'hekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa';

Għalhekk il-Qorti tasal għall-fehma li f'dan il-każ ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tal-25 ta' Ġunju, 2018, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod provviżorju; u

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, **bl-ispejjeż** kontra r-rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, 19 ta' Lulju, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**